SAN LAWRENZ

Minuti tas-sitta u ħamsin (56) laqgħa tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa, 10 ta' Diċembru 2014 fis-2:00 pm.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Cassar | Sindku |
| Is-Sna. Micheline Mercieca | Viċi Sindku |
| Is-Sna. Luiga Grima | Kunsillier |
| Is-Sur John Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Paul Bajada | Seg. Ezekuttiv |

1. Talba

Intqalet it-talba. Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Inqraw il-minuti tal-54 u 55 laqgħa mis-Seg. Ezekuttiv u ġew amendati u approvati mill-membri.

*Mill-Minuti*

2.2 Rigward punt 2.2 is-Sindku qal illi il-*water culverts* tnaddfu.

2.3 Rigward 2.4 is-Sinku qal illi ghandna ir-rakkomandazzjoni minghand il-bord tal-evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni tgħid illi t-tender m'għandux jingħata lil Smart Light System peress illi ma tax l-informazzjoni mitluba mill-bord. Il-Kunsill qabel illi għandha toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni ġdida. Għandu jitqabbad l-Inġinier Mario Galea sabiex jipprepara l-*ispecifications* tas-sejħa għall-kwotazzjoni.

2.4 Rigward numru 9.2 il-Kunsillier John Mercieca talab jekk kienx hemm żvilupp fis-sejħa għad-devoluzzjoni. Saret diskussjoni dwar il-possibilta' ta' talba għad-devoluzzjoni u wara li l-Kunsill jakkwista l-art, l-istess Kunsill għandu jfittex sabiex isib il-fondi meħtieġa sabiex isir tali żvilupp.

2.5.1 Rigward numru 9.4 inġabet stima fuq il-materjal. Kull xkora tiswa Euro 20.95 Vat esluż. Il-Kunsill qabel li jordna għaxar xkejjer.

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenzssjh
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

SAN LAWRENZ

3 Kunsillier u Segretarju Ġdid

3.1 Fuq il-mejda tpoġġew l-ittra tar-riżenja tas-Sinj Rose Vella kif ukoll tal-Ġurament tal-Ħatra tas-Sur Joseph Sultana bħala kunsillier tas-Sitt Leġislatura.

3.2 Tpoġġiet fuq il-mejda wkoll l-ittra tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid Ian Paul Bajada b'effett mill-20 ta' Novembru 2014.

4 Proġett tal-Pjazza

4.1 Is-Sindku spjega kif l-inġinier Mario Galea ġibed l-attenzjoni illi l-kamra li saret taħt l-art sabiex jitpoġġa ġo fiha l-*control panel* tal-funtana tal-pjazza, hem riskju minħabba l-ilma. Is-Sindku spjega kif saret laqgħa mal-Perit Edward Scerri u l-istess inġinier fuq il-post sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Perit ħareġ b'soluzzjoni illi l-*control panel* jista' jitpoġġa ġo struttura fil-pjazza illi sservi wkoll ta' kommemorazzjoni meta jsir il-ftuħ uffiċjali. Is-Sur John Mercieca issuġerixxa illi għandna mmorru fuq il-post sabiex naraw eżattament fejn ser issir din l-istruttura. Is-Sindku stqarr illi l-perit qed iħejji d-disinn u għandu jissejjaħ sabiex niltaqgħu fuq il-post miegħu.

4.2 Rigward id-dawl li baqa biex jiġi installat sabiex tinxtegħel il-faċċata tal-knisja, is-Sindku qal illi fuq naħa minnhom dan id-dawl ser jeħel maċ-ċentru parrokkjali u hemm hekk m'hemmx problemi. Fuq in-naħa l-oħra ġie suġġerit li jiġu avviċinati l-propjetarji fejn ser jeħel dan id-dawl sabiex isir ftehim bil-miktub, peress illi l-post identifikat mit-tekniċi, jiġi fuq arja private li għadd mhux żviluppata.

5 *Interpretation Centre* – PANACEA

5.1 Rigward il-bye law li qed tiġi preparata, is-Sindku staqsa jekk hux aħjar li l-prezz tad-dħul fl-*interpretation centre* jogħla sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż rikorrenti tal-istess *interpretation centre*. Wara diskussjoni qasira kulħadd qabel illi l-prezz għandu jibqa kif diġa suġġerit, peress illi r-riskju li ma jibqax attraenti għall-viżitaturi huwa kbir.

5.2 Is-Sindku qal illi jeħtieġ li ssir *gauge* mal-*generator* tad-Dwejra sabiex ikun jista' jaħżen aktar diesel u jimtela' anqas ta' spiss. Ġie maqbul illi għandu jiġi mqabbad is-Sur Joe Saliba sabiex jagħmel dan ix-xogħol.

6. Attivitajiet tal-Milied

6.1 Inġabru żewġ stimi mingħand Michael Buġeja għal-mixgħela waqt il-jiem tal-Milied. Il-Kunsill qabel illi għandu jmur għal orħos stima ta Euro 350. Dan l-ammont ma jinkludiex l-ispejjeż tal-arloġġ tad-dawl temporanju.

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenzssjh
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt

6.2 Dwar l-attività tal-anzjani, ġie maqbul illi din issir ġewwa d-Downtown, Victoria nhar it-Tnejn 22 ta' Jannar. Il –Kunsill għandu jaħseb ukoll għat-trasport.

6.3 Il-*party* tal-Milied ser isir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru ġewwa s-sala tal-iskola. Il-Kunsill għandu jaħseb għall-ikel u *entertainment* għat-tfal.

7. L-istrina u ż-Żjara tal-President fostna

7.2 Iż-żjara tal-President sabiex jinġabru d-donazzjonijiet tal-istrina ser issir nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru fis-6:30 pm eżatt qabel il-pageant tal-Milied. Il-Kunsill qabel illi għandu jalloka 300 Ewro għall-ispejjeż ta' *sound* waqt din l-attivita'. F'każ ta' maltemp din iċ-ċerimonja ssir fil-knisja. Is-segretarju nforma illi ġew mqassma l-envelopes f'kull dar u ser ikun hem kaxxa fil-kunsill lokali u ġewwa l-knisja għal dawk li jixtiequ jagħtu d-donazzjoni tagħhom.

8. Żjara tal-Isqof

8.1 L-Isqof t' Għawdex ser iżur il-lokalità ta' San Lawrenz fix-xahar ta' Jannar 2015, fejn iżur ukoll il-Kunsill ta' San Lawrenz. Bħala dati ġie suġġerit it-12 jew it-13 jew 14 ta' Jannar fil-5:30 pm.

9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

9.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 56 ġiet approvata għall-ammont ta' €16,956.65, kif annessa mal-minuti.

9.2 B'referenza għall-iskeda tal-pagamenti s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li huwa ntitolat għal *qualification allowance.* Huwa poġġa kopja tal-ittra fuq il-mejda li tagħtih permess għal din *allowance* skont il-*Public Service Management Code.*

10 Korrispondenza

10.1 Irċevejna mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), taħrika ta' xhieda fuq rikors tas-Sur Charles Grech fil-kawża tal-istess Charles Grech vs Joseph Grima. Għandu jiġi konsultat l-Avv. Jean Paul Grech

11. Materji oħra

11.1Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-*computer* tas-Segretarju jeħtieġ li jinbidel. Diġa ngagħbet stima u ġie maqbul li jinbidel t-*tower tal-computer* fuq stima ta € 250 mingħand is-Sur Franklyn Cauchi.

SAN LAWRENZ

11.2 Is-Sindku rringrazzja l-Gvern Ċentrali talli bidel it-twieqi tal-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

11.3 Peress li ma kienx hemm aktar materja x'tiġi diskussa il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-3:20 pm.

Anthony Cassar
Sindku

Ian Paul Bajada
Seg. Ezekuttiv

Kunsill Lokali San Lawrenz
22A, Triq id-Duluri, San Lawrenzssjh
Tel: 00356-563556 Fax: 00356-563656
e-mail: sanlawrenz.lc@gov.mt